MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 20/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA`**
**SPETTUR PAUL CARUANA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**ANTHONY CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 825156 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta` Dicembru tas-sena 2004 u fix-xhur ta` qabel, f'San Gwann u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Immanifattura jew ipproduca apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

2. Qassam apparat mhux lecitu gewwa Malta jew minn Malta ghal finijiet kummercjali;

3. Biegh jew kera apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

4. Kellu apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;
5. Installa, ghamel manutenzjoni fuq, jew irrimpjazza apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

6. Kummercjalment ippromwova, qieghed fis-suq jew irriklama apparat mhux lecitu.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikoli 27 (2) (a), (c) (d) (e) (f) (g) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta` Dicembru tas-sena 2004 u fix-xhur ta` qabel, f'San Gwann u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Immanifattura jew ipproduca apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

2. Qassam apparat mhux lecitu gewwa Malta jew minn Malta ghal finijiet kummercjali;

3. Biegh jew kera apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

4. Kellu apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

5. Installa, ghamel manutenzjoni fuq, jew irrimpjazza apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

6. Kummercjalment ippromwova, qieghed fis-suq jew irriklama apparat mhux lecitu.

Illi d-difiza eccepiet preliminarjament *in ne bis in idem* stante illi l-imputat kien gie akkuzat precidentament f'dina l-istess identika akkuza minn liema huwa kien gie liberat u l-kawza ghaddiet u gudikat.

Illi n-sostenn tal-eccezzjon preliminari tieghu l-avukat difensr intalvola nota ta' sottomissjonijiet.

Illi f'dina n-nota, d-difiza sostniet u hawn il-Qorti tikkwota kelma b'kelma dak illi qal l-avukat difensur.

*Illi qabel xejn l-imputat jirreferi ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu datata 1 ta' Ottubru, 2014 rigward il-valur probatorju u l-ammissibilta' tal-istqarrija tieghu stante li din am gietx mehuda wara li nghata assistenza legali u d-digriet ta' soprasessjoni ta' din l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Novembru, 2012 u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' din l-istqarrija.*

*Illi f'din il-kawza, l-imputat talab li ssir riferenza kostituzzjoni u dan a bazi tal-fatt illi fil-mori tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija, l-imputat gie mitlub li jirrilaxxja stqarrija izda qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija, huwa ma inghatax il-possibilta' li jikkonsulta' ma' avukat u konsegwentement id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq gie lez u anke' fid-dawl tal-fatt lid an l-istatment gie anke' esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala prova.*

*Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar is-26 ta' Frar, 2005 u dan skont ma' jirrzulta mill-atti tal-kawza u l-unika dikjarazzjoni li tirrizulta mill-istess stqarrija huwa s-solita' twissija li ssir mill-pulizija izda ma hemm ebda riferenza li l-imputat inghata l-opportunita' li jikkonsulta' ma' avukat qabel giet rilaxxjata tali stqarrija.*

*Illi ma hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni dwar dak allegat da parti tal-imputat li ma inghatax il-fakulta li jikkonsulta ma' avukat qabel irrilaxxja l-istqarrija.*

*Illi l-pozizzjoni legali llum hija differeneti minn meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat u dan peress li fis-sena 2005, ghalkemm il-parlament kien ghamel emendi fil-kodici kriminali li permezz taghhom, kull persuna li tigi mitkellem mill-Pulizija ghandha tinghata l-opportunita' li titkellem ma' avukat qabel ma tigi mitluba tirrilaxxja stqarrij, (art 355A; 355AU tal-Kap 9.) dawn l-artikli kienu ghadhom mhux fis-sehh.*

*Illi l-fatt li dawn l-artikoli ma kienux fis-sehh, jindika b'mod car li l-pulizija ma hassithiex tenuta li taghti lill-imputat il-fakolta' li jitkellem ma' avukat qabel ma jirrilaxxja l-istqarrija. Dan il-fatt izda, bl-ebda mod ma jiggustifika l-pozizzjoni tal-pulizija u dank if gie anke' ritenuta fil-kawza Puizija vs Esron Pullicino (Qorti Kostituzzjonali (63/2009) mghotija fit-12 t'April, 2011), kopja ta' din is-sentenza qed tigi annessa ma' din in-nota.*

*Illi din l-istess sentenza rriferiet gahl sentenza fl-ismijiet Salduz vs Turkey (no. 36391/02), kopja esebita fl-atti.*

*F'din is-sentenza il-Qorti ta' Strasburgu (EHCR) enuncjat principji dwar id-dritt ta' assistenza legali waqt l-istadju inizjali tal-process gudizzjarju inkluz l-istadju tal-interogazzjoni da part ital-pulizija.*

*Din il-Qorti f'sentenza precedent Imbriscia vs Switzerland A275 (1993) il-Qorti kienet irriteniet li d-dritt ta' smiegh xieraq huwa appliabbli fl-istadji kollha inkluzi dawk meqjusa bhala pre-trial.*

*Illi fis-sentenza ta' Salduz il-Qorti irritjenit li:*

*"The court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial. At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal*

*procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence.” Tghid wkoll li “Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the privilege against self-incrimination.”*

*Il-Qorti fis-sentenza ta’ Salduz tirritjeni li “Against this background, (b’riferenza gahl dak gia citat) the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective” (See paraph 51 above Article 6 (1) requires that, as a rule, access to a lawyer, should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right.”*

*Illi din il-pozizzjoni giet addottat fil-kawza ta’ Esron Pullicino gia citat kif wkoll fis-sentenzi fl-ismijiet Pulizija vs Mark Lombardi deciza mill-Qorti Kostituzzjoni fl-istess gurnata  li inghatat is-sentenza ta’ Esron Pullicino kif wkoll fis-sentenza Pulizja vs Alvin Privitera mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-11 t’April, 2011.  Kopji ukoll esebiti fil-process;*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet Pulizija va Anthony Barun et liema kawza ghdha qed tinstema minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Magistrat DR. Claire Stafrace Zammit, liema kawza ghadha pendent, il-Qorti meta gie sollevat dan l-istess punt, u cioe’ n-nuqqas ta’ assistenza legali waqt il-kors tal-investigazzjonijiet, il-Qorti  skartat ir-rapporti tal-periti tal-Qorti in genere stante li dawn ibbazaw il-konkluzjonijiet taghhom fuq dak li stqarru l-istess imputati.  Kopja tad-digriet esebita.*

*Illi fil-kaz inezami, huwa evidenti li l-imputat ma’ inghatax l-opportunita’ li jikkonsulta ma’ avukat waqt il-kors tal-investigazzjonijiet.*

*Illi l-istqarrija giet esebita bhala prova fil-konfront tal-istess imputat mill-prosekuzzjoni liema stqarrija giet bbazat in parte dak li xehed is-supretedent Caruana  responsabbli mid-Dipartiment ta’ Cyber Crime.*

*Illi f’dan id-dawl ta’ dak enuncjat mill-Qorti taghna u dak tal-Qorti Ewropea, din il-Qorti bir-rispett ma ghandiex tiehu konjizzjoni taghha stante li tilledi l-drittijiet ta’ l-imputat;*

*Illi premess dan, ghalhekk jifdal biss ix-xhieda ta’ l-ispettur Angelo Gafa’ kif ukoll dik ta’ l-Ispettur illum supretendent Paul Caruana li bir-rispett kollu ma ippruvaw xejn minndak li qed issostni l-prosekuzzjoni;*

*Jigi umilment sottomess li kull sub-inciz tal-ligi li l-imputat gie akkuzat bih jitlob* ***skop kummercjali*** *ergo skop bi qliegh. L-ebda prova, l-ebda xhud f'dan il-kaz ma xhed li l-attivita li l-imputat allegatament kien qieghed jaghmel kienet tirrendi xi qliegh.*

*Lanqas gie ippruvat li jekk kien hemm xi apparat mhux lecitu ghal finijiet tal-ligi u dan stante li 'cam reader' kif ukoll programme li istabu fil-komputers li gew elevate minghand l-imputat kienu programmi li facilment setghu jinstabu fuq l-internet u l-ebda wiehed ma kien kontra l-ligi.*

*Din il-Qorti trid tikkonsidra ukoll li minn l-oggetti li gew elevate minn ghand l-imputat kif ukoll l-istruzzjonijiet u l-programmi li instabu ma kien hemm l-ebda evidenza ta' computer misuse. Skond ix-xhieda tas-supretendent Caruana, ma kien hemm reita bejn il-computes u il-cards u d-decoders li kienu gew elevate fil-fatt is-supretendent Caruana spjega li hu kien qieghed joqghod fuq l-istqarrija ta' l-imputat u dan peress li mill-logs li kien hemm fuq il-komputer ma kienx jista' jasal ghal l-ebda konkluzzjoni. Meta mistoqsi minn dawn il-logs jidher infethet xi card jew inqrat?, is-supretendent Caruana wiegeb li 'Le ma nistax nghidlek jiena'.*

Illi l-Prosekuzzjoni wkoll ipprezentat nota taghha ta' sottomissjonijiet illi dina l-Qorti wkoll hadet in konseiderazzjoni.

Illi jidher illi l-Prosekuzzjoni ghada ma afferratx il-punt tad-difiza. Il-punt huwa mhux jekk, fil-hin tal-kommissjoni tal-allegat reat, ir-reat kienx verament reat izda l-punt iktar kardinali jekk l-imputat kien diga gie gudikat tal-istess reat identiku.

Illi dina l-Qorti ma tara l-ebda ragun il-ghaliex m'ghandiex taghmel taghha l-konkluzzjonijiet tad-difiza u waqt illi qeghdha taghmel hekk, qeghdha tilqa' l-eccezzjoni prelminari tad-difiza u ittenni l-principju tan-*ne bis in idem*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------